Minuti tal-Laqgħa Nru. 37 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa 15 ta' Ġunju 2018 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sur. Kearon Bruno |
| Skużati | Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sra. Denise Cutajar |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Attivitajiet matul is-Sajf
5. Upgrade tal-Lattrina
6. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
7. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Kien hemm korrezzjoni fuq punt 3.1 tal-minuti preċedenti. Il-minuti ġew ipproponuti mill-Kunsillier Eric Camilleri u ssekondati mill-Kunsillier Victor Caruana.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Victor Caruana saqsa fuq punt 2.1 tal-minuti preċedenti u appella biex tinżebagħ il-U-Bar.

2.2 Il-Kunsillier Victor Caruana saqsa kif konna bqajna it-traffic management ta' Triq il-Ġdida minħabba l-konġestjoni li kien qed ikun hemm filgħodu. Is-Sindku semma li kienet tressqet talba lit-Transport Malta fuq din is-sitwazzjoni imma ma ġietx milqugħa. Is-Sindku semma li huwa kien se jkollu laqgħa mas-Sur. Scerri fejn kien se jkellmu fuq din ir-rikjesta.

2.3 Is-Sindku semma li għandna nerġgħu niktbu lil Perit David Vassallo fuq it-traffic management li kellu jsir f' Wesgħet il-Vittmi tal-Gwerra.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana tkellem fuq il-bankina li saret fi Triq Ħal Farruġ fejn hemm l-Express Trailers li din saret apposta biex huma jipparkjaw fuqha. Is-Sindku semma li hawn kienu qed jagħtu ċ-ċitazzjonijiet minħabba r-residential parking u kienu talbu lill-Kunsill Lokali biex ineħħu ir-residential parking bays imma oġġezzjonajna.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li rridu nagħmlu xi linji sofor fi Triq il-Karmnu peress li hemm parti minnha dejqa. Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li rridu naħslu l-mirja li hawn fit-toroq minħabba x-xita tal-ħamrija li niżlet. Huwa semma li jridu jinbidlu l-istickers li hemm tal-ħinijiet fejn l-Iskola biex dawn ikunu jaqblu kollha.

3.3 Il-Kunsillier Camilleri semma li jridu jsiru xi linji sofor fi Triq Mikelanġ Sapiano.

3.4 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn isir patching fi Triq Dun Pawl. Is-Sindku semma li huwa jaf bil-każ imma biex hawnhekk isir xogħol tajjeb irid jinstab kuntrattur. Il-Kunsillier Caruana semma wkoll li hemm bżonn li jsir dan ix-xogħol fi Triq il-Karmnu u Triq tal-Maħżnier.

3.5 Is-Segretarju semma li kien hemm il-laqgħa plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Huwa ħa attendenza ta minn kien se jattendi.

3.6 Is-Segretarju ressaq email fuq konferenza dwar il-Politika Nazzjonali tal-Kultura sabiex minn ikun jista minn fost il-Kunsilliera jattendi.

3.7 Is-Segretarju ressaq email fuq il-program EDIC.

3.8 Is-Sindku semma li issa lejn tmiem is-Sajf nagħmlu l-mawra għall Sqallija. Huwa qal li kif ikun hemm il-ħarġa għall Għawdex jitkellem fuqha wkoll.

3.9 Is-Segretarju ressaq email fuq il-kompetizzjoni Ġieħ l-Artiġjanat li din tapplika wkoll għall meta l-Kunsill jorganizza korsijiet fuq din il-ħaġa.

3.10 Is-Sindku semma li kienet waslet email minn naħa tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fuq proposta għall ġemellaġġ ma lokalita fl-Italja bl-isem Castel Maggiore. Huwa qal li dawn kellhom ħafna similaritajiet ma' Ħal Luqa u intbagħtet email lilhom biex nesprimu l-interess tagħna.

3.11 Is-Segretarju semma li issa kienet waslet biex tiġi s-Solar Cinema ġewwa Ħal Luqa kif kienu infurmawna. Is-Sindku qal biex nippreparaw tajjeb għaliha u naraw xi jkollhom bżonn.

3.12 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk konniex irċevejna l-email li kienu bagħatu tal-futbol rigward is-Summer Camp. Is-Sindku semma li huwa diġà kellu laqgħa magħhom.

3.13 Is-Sindku tkellem rigward l-attivita ta' Jum Ħal Luqa fejn semma li intefqu ħafna flus imma ma kienx hemm prodott tajjeb.

3.14 Il-Kunsillier Caruana semma li l-aħjar kieku jkun hemm Sotto Kumitat apposta biex jieħu ħsieb din l-attivita. Is-Sindku qal li ma tkunx idea tajba li jkun hemm Sotto Kumitat għax dan mhux bilfors jiffunzjona tajjeb.

3.15 Il-Kunsillier Camilleri semma li jrid ikun hemm diversi promozzjonijiet u sponsoring u jrid ikollna prodott li għalih tkun rinomata l-lokalita għalih. Huwa qal li m' għandiex tkun problema biex il-Kunsill Lokali jfittex sponsors apposta. Huwa semma li hawn problema ġo Ħal Luqa peress li n-nies tal-lokal ma jiġux għall attivitajiet.

3.16 Is-Sindku ssuġġerrixxa li għad darba li ġejja norganiżżaw xi ħaġa viżiva bħala parti minn serata li tiġbor fiha t-talent lokali.

3.17 Il-Kunsillier Bruno semma li l-attivita tista ssir ġimgħa qabel il-festa, niftiehmu mal-Każini li jagħmlu marċi u jingħataw sponsorship mill-Kunsill stess.

3.18 Il-Kunsillier Caruana qal li għandna nitkellmu mal-Ministru tal-Kultura sabiex naraw kif l-aħjar tiġi organizzata attività bl-għajnuna tal-istess Ministeru.

## 4.0 ATTIVITAJIET MATUL IS-SAJF

4.1 Is-Sindku semma li se ssir mawra għall Għawdex wara l-festa. fejn din id-darba se nżura l-villaġġ tal-Għarb li hemm fih Mużew u jsir l-itinerarju tas-soltu. Din ser issir fis-6 ta' Lulju. Huwa semma li matul din l-okkażżjoni se jinforma lil dawk preżenti fuq il-ġita għall Sqallija li ssir aktar tard.

## 5.0 UPGRADE TAL-LATTRINA

5.1 Is-Sindku semma li huwa kien iltaqa mal-Perit rigward il-lattrina ta' Triq Dun Pawl peress li din kellha bżonn upgrade. Huwa qal li l-Perit issa kellu jipprepara Bill of Quantities u pjanta sabiex din tinbidel kompletament.

## 6.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

6.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq dan is-suġġett.

## 7.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ġimgħa 15 ta' Ġunju 2018 fis-6.40 p.m. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2018.

______________________
John Schembri
Sindku

____________________
Michael Portelli
Segretarju Eżekuttiv